# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikolu 264(2)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Marthese Micallef**
**Vs**

**ANTHONY DEBONO**

**Seduta ta' llum 18 ta’ Lulju, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat lil **ANTHONY DEBONO** ta' disgha w hamsin sena bin Carmel u Caterina nee Gauci, imwieled l-Hamrun nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru, 1942 u residenti 39/15, Okella Agius, Triq Hal Qormi, Marsa, detentur ta’ karta tal-identita` numru 552042M gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn l-ghoxrin ta' Ottubru, 1998 w d-sataxz ta' Ottubru, 1998 fil-fond 39/15 Okella Agious, Triq Hal Qoirmi, Marsa, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku

li jammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda inqas minn elf lira maltin (LM148.12) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur u talli ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew s-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew s-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew s-sigilli taghhom (hsara stmata madwar sitt liri maltin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta' Gunju, 2002 esibit fl-att markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattat bi procedura sommarja u l-process verbal relattiv esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-tmintax ta' Lulju, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq salv li ssibu hati tal-akkuza kif addebitata lilu.

Rat d-dokument markat bhala CHS 5, esibit minn Silvio Decelis, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, liema dokument huwa kopja vera tar-ricevuta tal-hlas li sar lill-Enemalta mill-istess imputat.

Semghet lil istess rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta jghid li l-istess Korporazzjoni m'ghandhix pretenzjonijiet izjed fil-konfront tal-imputat.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat ANTHONY DEBONO hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**